Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# L-UFFIĊJAL PRINĊIPALI TA' L-IMMIGRAZZJONI (SPETTUR HUBERT GERADA) V. SEYEDSOROUSH HOSSEINI (P. A46837856) U DIAKO SOBHI (P. P52078164)

(UŻU JEW PUSSESS TA' PASSAPORT IFFALSIFIKAT – KAP. 61, ART. 5 – UŻU TA' DOKUMENTI OĦRA FFALSIFIKATI – KAP. 9, ART. 189 – UŻU JEW PUSSESS TA' DOKUMENT MEĦTIEĠ SKOND L-ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI LI JKUN ĠIE FFALSIFIKAT – KAP. 217, ART 32(1)(F))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**16 ta' Frar 2021**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat l-akkużi maħruġa kontra Seyedsoroush Hosseini ta' 31 sena, iben Seyedosman u Saadat, nazzjonalità Iranjana, imwieled l-Iran fil-15 ta' Mejju 1989, residenti l-Iran u detentur tal-passaport Iranjan bin-numru A46837856, u Diako Sobhi ta' 46 sena, iben Mohammed u Azimeh, nazzjonalità Iranjana, imwieled l-Iran fit-13 ta' Mejju 1974, residenti l-Iran u detentur tal-passaport Iranjan bin-numru P52078164 (flimkien "l-imputati" jew "id-Difiża"),

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Hubert Gerada
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Roberto Montalto,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputati bis-segwenti akkużi:

1. talli fid-29 ta' Novembru 2020 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer jew fi bnadi oħra ffalsifikaw, biddlu jew għamlu xi tibdil f'passaport jew dokument, jew użaw jew kellhom fil-pussess tagħhom xi passaport jew dokument li huma kienu jafu li ġew iffalsifikati, imbiddla jew li sar xi tibdil fihom u ċioe kellhom fil-pussess tagħhom Passaport Daniż u Passaport Irlandiż foloz bin-numru 208692354 u LB5671591 (Kap. 61, Art. 5), u

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamlu falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlu użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap. 9, Art 189), u

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr awtorità leġittima użaw jew kellhom fil-pussess tagħhom xi dokument, meħtieġ għall-finijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, li jkun falsifikat skond dan l-Att (Kap. 217, Art. 32(1)(f).

2. Dan il-każ jikkonċerna l-allegat użu jew pussess min-naħa tal-imputati ta' żewġ passaporti foloz, ċioe tal-passaport Daniż bin-numru 208692354 mill-imputat Hosseini u tal-passaport Irlandiż bin-numru LB5671591 mill-imputat Sobhi.

**L-artikoli applikabbli tal-liġi**

***L-Ordinanza dwar il-Passaporti (Kap. 61 tal-Liġijiet ta' Malta)***

3. L-Artikolu 5 tal-Ordinanza dwar il-Passaporti jipprovdi kif ġej:

   '5. Kull min jiffalsifika, ibiddel, jew jagħmel xi tibdil f'passaport jew juża jew ikollu għandu passaport li huwa jaf li ġie iffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa sentejn.'

***Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)***

4. L-Artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi kif ġej:

   *'189. Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.'*

***L-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta)***

5. L-Artikolu 32(1)(f) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni jipprovdi kif ġej:

'32.(1) Kull persuna li

f. mingħajr awtorità leġittima tuża jew ikollha fil-pussess tagħha xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta'dan l-Att li jkun falsifikat ...

tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien, kemm-il darba mhix stabbilita għal dak ir-reat piena akbar b'liġi oħra.'

**Provi miġjuba**

6. Il-Prosekuzzjoni ressqet lis-segwenti xhieda li lkoll xehdu fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2021:
    1. L-Uffiċjal Prosekutur Spettur Hubert Gerada,
    2. PS 1482 Bjorn Schembri, u
    3. WPC 290 Kimberly Delia

7. L-imputati ma' ressqu l-ebda xhieda u għażlu li ma' jgħidu xejn għajr għall-kontestazzjoni ta' ħtija, kif kellhom kull dritt li jagħmlu skond il-liġi.

8. **L-Ispettur Hubert Gerada** xehed illi fid-29 ta' Novembru 2020 għall-ħabta tad-disgħa neqsin kwart ta' filgħodu (08:45) kien ċempillu PS 1482 Bjorn Schembri li kien xogħol ġewwa l-Ajruport. Dan spjegalu li kellu persuna li kienet mitlufa minn sensiha u li kien qed jistennew l-assistenza medika. Qallu ukoll però illi jista' jkun illi d-dokument li kellu fuqu – maħruġ mill-awtoritajiet Daniżi – ma' kienx tiegħu. Apparentement kif beda ġej f'sensih ir-raġel qal li għandu dokument ieħor fuqu li kien Iranjan. L-Ispettur Gerada talab li dan jiġi eskortat għall-uffiċċju tiegħu fl-Ajruport. Ftit ħin wara WPC 290 Kimberly Delia ċemplet lix-xhud biex tgħidlu illi s-sistema iġġenerat *hit* fuq passaport Irlandiż però l-passiġġier li kien ipproduċih kien qed jinnega li qatt kien tilfu tali passaport. L-Ispettur xehed illi f'dak l-istadju insista illi jagħfsu ftit u jippressaw lil dak il-passiġġier ħalli toħroġ il-verità kollha għaliex skond hu: "*min- naqra esperjenza li għandi li jista' jkun kien hemm konnesjoni għax żewġ passaporti fi flight mitlufin hija naqra remota*". Filfatt wara ftit irriżulta illi anke dak il-passiġġier kellu passaport Iranjan fuqu. L-Ispettur imbagħad stabbilixxa illi dawn iż-żewġ passiġġieri, ossia l-imputati, ma' kellhomx intenzjoni li jibqgħu Malta

iżda fil-fatt kienu *in transit* għall-Pariġi. L-Ispettur spjega ukoll illi l-imputat Hosseini wera x-xewqa miegħu li japplika għall-ażil f'Malta.

9. **PS 1482 Bjorn Schembri** xehed illi dakinhar ġie infurmat mill-*Immigration Officer* li kienet telgħet *hit* fuq passaport Daniż u ċioe li dan kien ġie rrappurtat mitluf u għalhekk intalbet l-assistenza tiegħu. Meta mar fuq il-post huwa ra lill-imputat Hosseini mal-art mitluf minn sensih. Wara ftit dan ħareġ il-passaport Iranjan tiegħu. Skond PS 1482: *"Aħna sadanittant sakemm in-nurses qed jagħtuh l-għajnuna aħna komplejna naraw x' kien hemm ħażin fil- passaport tieghu u rriżulta li dan kien imbagħbas. Dan kien hemm alert tieghu li kien misruq jew mitluf u b' hekk kompliet l-investigazzjoni fuq dan l- passaport."*

10. Ix-xhud kompla jgħid illi aktar tard kien hemm immigration officer ieħor li nfurmah illi kien *hit* oħra din id-darba fuq passaport Irlandiż. Sussegwentement irriżulta illi kien hemm konnessjoni bejn iż-żewġ każijiet. Spjega ukoll l-imputat Hosseini kien infurmah bix-xewqa tiegħu li jagħmel talba għall-ażil mentri l-imputat l-ieħor ma' kien semma xejn f'dan ir-rigward.

11. **WPC 290 Kimberly Delia** xehdet li fid-*"29 ta' Novembru 2020 jiena kont xogħol day duty u għall-ħabta tat- tmienja u għoxrin (08:20) niżel il-flight ta' Istanbul fuq titjira TK 1369 fejn fost il-passiġġieri kien hemm ... żewġ passiġġieri Iranjani fejn dawn ippreżentaw mal-border control check żewġ passaporti foloz. Wieħed kien passaport Daniż u l-ieħor kien passaport Irlandiż. Minn hemmhekk ta' min jgħid li ż-żewġ passaporti kellhom hit fuq il-pSiS u aħna, jiena u l-kollega tiegħi, tlajna għal ... Diako Sobhi. Tlajna għalih u niżżilnih l-uffiċċju tal-immigration. Jiena staqsejtu għidtlu għandek xi dokument ieħor apparti dan il-passaport Irlandiż? U hemmhekk hu ħareġ il- passaport tal-Iran. U bażikament infurmajna lill- Ispettur Hubert Gerada biex titkompla l- investigazzjoni min-naħa tiegħu."* Ikkonfermat ukoll illi l-imputat Sobhi ma' għamel l-ebda talba għall-ażil u filfatt qalla illi huma kienu ħassrulu l-pjanijiet tiegħu li jmorru Franza.

**Kunsiderazzjonijiet dwar ħtija**

12. L-argument prinċipali tad-Difiża li ressqet fit-trattazzjoni tagħha kien dak illi l-Prosekuzzjoni ma' ressqitx provi, kif kemm il-darba tagħmel f'dan ir-rigward permezz tal-laboratorju forensiku tagħha, illi l-passaporti in kwistjoni huma ffalsifikati.

13. Issa sakemm ma' jkunx hemm il-falz grossolan, l-analiżi neċessarja li għandha ssir sabiex jiġi stabbilit jekk passaport huwiex falsifikat jew le, tirrikjedi ċertu ħila jew sengħa li l-Qorti, talinqas kif presjeduta, ċertament m'għandiex. F'dan il-każ, mad-daqqa t'għajn ma' jidher xejn fil-passaporti in kwistjoni[1] illi tista' tqajjem dubju dwar l-awtentiċita tagħhom.

14. Iżjed minn hekk, l-imputati nfushom fl-istqarriji rispettivi tagħhom ikkonfermaw mal-pulizija li huma kienu qed jużaw passaport falz. F'tali ċirkustanzi l-Qorti għandha normalment tistrieħ fuq tali dikjarazzjoni bħala prova qawwija li timmilita favur s-sejbien ta' ħtija sakemm ma' jkunx intwera illi d-dikjarazzjoni ittieħdet b'mod involontarju, jew b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi[2]. Madanakollu l-provi li tressqu f'din il-kawża jixħtu dubbji kbar fuq kemm il-passaporti in kwistjoni huma foloz. Anzi l-Qorti tasal biex tgħid illi iżjed iva milli le, il-passaporti kienu sempliċiment passaporti misruqa u mhux passaporti li ġew iffalsifikati. Dan joħroġ mix-xhieda ta' żewġ xhieda li ressqet il-Prosekuzzjoni:

1. **L-Ispettur Hubert Gerada** meta kien qed jixhed fuq ir-reazzjoni tiegħu meta sar jaf li s-sistema ġġenerat *hit* fuq passaport ieħor, din id-darba il-passaport Irlandiż li kien qed iġorr l-imputat Sobhi, qal "*żewġ passaporti fi flight* ***mitlufin*** (emfasi miżjuda) *hija naqra remota.*"

2. **PS 1482 Bjorn Schembri** xehed hekk: "*Bażikament dak inhar ġejt infurmat mill-immigration officer li kienet telgħet hit fuq passaport Daniż. Il-hit kien li kien* ***mitluf*** (emfasi miżjuda) *u talab l- assistenza biex imur halli naraw x' kienet il- kwistjoni.*" L-istess xhud ftit wara xehed illi "*aħna sadanittant sakemm in- nurses qed jaghtuh l-għajnuna aħna komplejna naraw x' kien hemm ħażin fil-passaport tieghu u rriżulta li dan kien* ***imbagħbas*** (emfasi miżjuda). Però immedjatament wara x-xhud reġa qal li: "*Dan kien hemm alert tieghu li kien* ***misruq jew mitluf*** (emfasi miżjuda) *b' hekk kompliet l-investigazzjoni fuq dan l- passaport*" u iktar tard għamel id-distinzjoni appożita meta xehed illi wieħed mill-imputati: "*ppreżenta l- passaport tieghu* ***counterfeit. Sorry wara li ppreżenta l- passaport tieghu Daniż*** (emfasi miżjuda)."

---

[1] Esebiti bħala Dok HG10 fol 29 u Dok HG11 fol 30
[2] Art. 658, Kap. 9

15. Min-naħa tagħha x-xhud l-ieħor **WPC 290 Kimberly Delia** xehdet fir-rigward tal-imputati li *"dawn ippreżentaw mal-border control check żewġ passaporti* ***foloz*** *(emfasi miżjuda). Wieħed kien passaport Daniż u l-ieħor kien passaport Irlandiż".*

16. Din ix-xhieda konfliġġenti toħloq iżjed minn dubbju żgħir f'għajnejn il-Qorti, li kif diġà ingħad, hija iżjed propensa li temmen – anke mill-fatt illi l-passaporti jidhru ġenwini u mit-timbri ta' fuqhom jidhru li ntużaw diversi drabi fil-passat – illi l-passaporti huma filfatt ġenwini. F'dan ir-rigward il-Prosekuzzjoni u x-xhieda li ressqet setgħu kienu ftit iżjed attenti meta ġew biex jixhdu biex ikunu jaf b'mod preċiż fuq xiex kienu qed jixhdu u ċioe illi dan kien każ mhux ta' użu ta' passaporti foloz iżda każ ta' użu ta' passaporti ġenwini ta' ħaddieħor.

17. L-imputazzjonijiet ppreżentati kontra l-imputati huma kollha kemm huma dipendenti fuq il-premessa illi l-passaporti in kwistjoni kienu ffalsifikati. Darba ma' ġiex ippruvat dan il-fatt, il-Qorti ma' tistax issib ħtija. L-imputati kellhom *semmai* jitressqu akkużati bir-reati kontemplati *inter alia* taħt l-Artikoli 3 u/jew 4 tal-Kap. 61 u/jew l-Artikolu 32(1)(ċ) tal-Kap. 217, u mhux b'reati ta' użu jew pussess ta' dokumenti ffalsifikati.

**Deċiżjoni**

18. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma' ssibx lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom u qegħda tilliberahom minn kull imputazzjoni u ħtija.**

V.G. Axiak — Maġistrat

Y. M. Pace — Dep. Reġistratur